**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037**
**MALTA**

TAS-SLIEMA

**SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**81 Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037.**
**Malta**

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 12

Ilt-tnax is-seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2025 fis-6pm ġewwa l-uffiċċju tal-kunsill lokali tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsilliera |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Jacqueline Higgins | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Joe Aquilina | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Ryan Borg | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

***Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:05pm:***

12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

12.2 Diskussjonu u approvazzjoni għal baġit ta' l-attivita' Sqaqien

12.3 Tmiem tal-laqgħa

## 12.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**10.1.1** Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillier J Aquilina, R Borg u J Higgans

## 12.2 DISKUSSJONU U APPROVAZZJONI GĦAL BAĠIT TA' L-ATTIVITA' SQAQIEN

**12.2.1** Il-kunsillier D Muscat spjega li kien hemm ftehim li l-attività Sqaqien titella' mill-kunsill, kull sentejn, hekk kif sena waħda tittella' l-attività' Sliema Arts Festival.

Hu ta' d-dettalji tal-attivita' Sqaqien għal din is-sena li ser issir fi Sqaq Elija u Triq San Trofimu fl-14 ta' Ġunju, qal li it-tema ta' din is-sena ser ikun 'Tieġ Tradizzjonali Malti'.

- Il-kunsillier K Wain issuġġerixxa jekk wieħed jista' 'iżewweġ' it-tradizzjoni Maltija mal-modern. Qal li hemm bżonn isir studju li jara li dan jista' jsir għall-attivitajiet futuri.
- Is-Sindku qal li jkun għaqli li jsir taħlita ta' ideat qabel ma jsir il-programm kollu tal-attivita'.
- Il-Viċi Sindku qal li forsi waqt li qed isir l-ipjannar tal-attivita' wieħed għandu jieħu f'konsiderazzjoni affarijiet li saru fl-1900s u mhux ħafna qabel, peress li tas-Sliema m'hiex belt daqshekk antika.

*Il-kunsilliera Higgans daħlet għal laqgħa fis-6.15pm*

**12.2.2** Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-kunsillieri preżenti id-domanda sussegwenti:
Il-kunsill jaqbel li ikopri l-ispejjeż tal-attivita' Sqaqien, jekk il-fondi li ser jintalbu ma jingħatawx kollha?
**Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri preżenti.**

**12.2.3** Il-kunsillier D Soler ir-rimarka u staqsa kif allura l-kunsill għandu baġit għal dawn it-tip t'attivitajiet u m'għandux biex jagħmel *carrying capacity study*?

- Is-Seg. Eżek. wieġeb u qal li dawn huma żewġ affarijiet kompletament differenti, kompla jgħid li għalhekk f'Jannar kien organizza laqgħa fejn kull kunsillier kellu l-opportunita' jippreżenta l-baġit li wieħed ridt jalloka għad-dekasteru tiegħu/tagħha.
- Is-Sindlu enfasizza l-fatt li dan l-istudju ser jiswa madwar 80,000 ewro u fuqhom u qal li studju bħal dan għandu isir mill-Gvern ċentrali u mhux mill-kunsill bi spejjeż tiegħu.

## 12.3 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

12.3.1 Is-seduta ntemmet fid-7:05pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum : 26 ta' Marzu 2025

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |